F'dawn l-aħħar ġimgħat sar proġett fejn negattivi ta' ritratti antiki fuq il-ħġieġ li huma parti mill-kollezzjoni li għandha l-parroċċa fl-arkivju tagħha, ġew skennjati u magħmula f'format diġitali ta' kwalità. B'kollox din il-kollezzjoni kien fiha 230 ritratt li juru xeni mill-ħajja tal-parroċċa kif ukoll il-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl bejn is-snin ċirka 1910 u l-1950. Ringrazzjament speċjali lil Dr Charles Paul Azzopardi li ħadem fuq dan il-proġett b'mod volontarju.





**Avviż mill-Museum tas-Subien**

Għeżież Ġenituri,
Napprezzaw ferm jekk twasslu dan l-avviż lill-għeżież uliedkom.

**Għall-istudenti tas-Sekondarja:**
Bħal fi sjuf oħra, fil-ġimgħa ta' qabel tibda l-iskola ser norganizzaw league tal-futbol u anke indoor games għall-istudenti tas-sekondarja.
Nistiednu lill-adolexxenti - anke dawk li qatgħu xi ftit fil-ġimgħat tas-sajf - biex jerġgħu jibdew jattendu ħalli jkunu jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet.
Dan il-logħob isir wara li l-adolexxenti tagħna jkunu attendew għal-lezzjoni tagħhom tas-soltu... Kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa u tibda fis-6.45pm

**Għat-tfal tal-Primarja**
Qed ikun hemm logħob ukoll għat-tfal tal-Primarja li jibda fis-6pm. Dawn ikollhom il-lezzjoni tagħhom nhar ta' Tnejn u Ħamis u tibda fis-6.45pm.

**AVVIŻI:**

Se ssir **ħarġa għall-bajja ta' Santa Marija f'Kemmuna**, b'risq il-Kappella ta' Kemmuna nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru. Tluq minn fejn iċ-Ċentru fit-3.30pm. Lura fid-9.30pm. Vjaġġ bil-luzzu, għawma, quddiesa fil-kappella u wara BBQ. Prezz €30. Il-bar tal-luzzu joffri xorb extra bi prezzijiet moderati. Għall-booking kellmu lil Dun Ġużepp Attard: 99847099.

Se ssir **siegħa Adorazzjoni** nhar is-Sibt 6 ta' Settembru, fit-8.15am, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Din se ssir bit-tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd hu mistieden.

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru hija l-ewwel ġimgħa tax-xahar u għalhekk filgħaxija wara l-quddiesa tal-5pm issir **is-siegħa tal-Ħniena Divina**. Kulħadd mistieden għal dawn il-mumenti ma' Ġesù biex nitolbuh għal tant ħtiġijiet tagħna nfusna u tad-dinja kollha.

Se ssir **quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina**, il-Ġimgħa 13 ta' Settembru fil-5pm minflok dik li normalment issir fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

Il-Kunsill Lokali javża li **d-Day Centre tal-anzjani** se jerġa' jibda fl-10 ta' Settembru. Minħabba ċirkustanzi li m'għandniex kontroll fuqhom, l-ewwel laqgħa se tibda b'quddiesa fid-9am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù u wara mmorru r-Ramla. Dawk li għandhom bżonn it-trasport għall-quddiesa jċemplu lil Lina Mifsud fuq 99260629.

Nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru, l-Għaqda Dun Franġisk Grima ser torganizza **ħarġa bid-dgħajsa** mit-8am sa nofsinhar. Għal biljetti ikkuntattjaw lil Tonina fuq 79923153/21553041 jew lil Ġuża Sammut fuq 99228906/21552326. Inġibu packed lunch.

L-organizzaturi tal-Quddiesa li saret fil-bieraħ fit-Triq it-Tramuntana jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem u jroddulhom ħajr tal-kontribuzzjoni tagħhom fil-ferta li saret li laħqet is-somma ta' €83.62. Minn dawn se jitħallsu l-ispejjeż relatati maċ-ċelebrazzjoni liturġika u l-bqija jintużaw biex tinxtegħel ix-xemgħa quddiem l-istatwa tal-Madonna matul is-sena.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am